Nru. 17,447
Prezz 64ċ
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2003
Friday, 18th July, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 625

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Lulju, 2003, matul l-assenza ta' l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

Is-16 ta' Lulju, 2003
(OPM 12/2003)

GOVERNMENT NOTICES

No. 625

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy, assume the additional duties of the Prime Minister with effect from Wednesday, 16th July, 2003, during the absence of the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

16th July, 2003

Nru. 626

ATT DWAR IT-TIĠDID TA' KIRI TA' RABA' (KAP. 199)

Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba'

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru ħatar lill-Maġistrat Dott. Joseph Cassar, LL.D., biex ikun *Chairman* tal-Bord (fis-seduti ta' Malta) b'seħħ mill-15 ta' April, 2003.

Kawżi li qabel din id-data ġew mħollija għal deċiżjoni mill-Bord preseduti differenti ma humiex b'dan effettwati.

Il-15 ta' Lulju, 2003
(OPM/895/67/II)
(MJ/7/88/II)

No. 626

AGRICULTURAL LEASES (RELETTING ACT) (CAP. 199)

Rural Leases Control Board

IT is notified for general information, that the Prime Minister has appointed Magistrate Dr. Joseph Cassar, LL.D., as Chairman of the Board (for sittings in Malta) with effect from the 15th April, 2003.

Pending cases, left for decision prior to this date, but presided differently, shall not, by this, be effected.

15th July, 2003

Nru. 627

KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI
(ATT XV TA' L-2001)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (Att Nru. XV ta' l-2001), approva li l-membri u membri sostituti ġodda li ġejjin jinħatru fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sas-16 ta' Awissu, 2003:

Membri
Is-Sur Anton Borg, FCAA, FIA, CPAA
Is-Sur Winston J Zahra, BA(Hons), Dipl.FHCIMA
Dott. Paul Debattista, BSc, PhD, M.Jm, PM
Is-Sur Emanuel Micallef
Is-SurJoseph Rapa, BA(Hons)Pub.Admin, MBA

Membri Sostituti
Is-Sur Adrian Bajada, ACEA, FFA, AMIA, CSA
Is-Sur Michael Parnis, Dipl. Ind. Rel.
Ms Moira Catania B. Comm, BA(Hons)(Economics), MA(European Studies)

It-18 ta' Lulju, 2003
(OPM/181/2001/II)

No. 627

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT
(ACT XV OF 2001)

IT is hereby notified for general information that the Prime Minister, in accordance with the provisions of section 4 of the Malta Council for Economic and Social Development (Act XV of 2001) has approved that the following new members and substitute members be appointed on the Malta Council for Economic and Social Development up to the 16th August, 2003:

Members
Mr Anton Borg, FCAA, FIA, CPAA
Mr Winston J Zahra, BA(Hons), Dipl.FHCIMA
Dr Paul Debattista, BSc, PhD, M.Jm, PM
Mr Emanuel Micallef
Mr Joseph Rapa, BA(Hons)Pub.Admin, MBA

Substitute Members
Mr Adrian Bajada, ACEA, FFA, AMIA, CSA
Mr Michael Parnis, Dipl. Ind. Rel.
Ms Moira Catania B. Comm, BA(Hons)(Economics), MA(European Studies)

18th July, 2003

Nru. 628

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-18 ta' Lulju, 2003
(File No. L552/81)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 88 metru kwadru, li tmiss mill-Punent u minn Nofsinhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* numru 50299.

No. 628

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

18th July, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Naxxar:–

1. A plot of land of the area of about 88 square metres, bounded on the West and the South by a pubic road and on the East by Government property and is registered in Government Records as part of tenement no. 50299.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq pjanta P.D. 89_2003 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Il-11 ta' Lulju, 2003

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D. 89_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

11th July, 2003

Nru. 629

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-18 ta' Lulju, 2003

(File No. L119/65)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 229 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' triq pubblika u mil-Lvant u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* numru 50319.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq pjanta P.D. 90_2003 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Il-11 ta' Lulju, 2003

No. 629

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

18th July, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Naxxar:–

1. A plot of land of the area of about 229 square metres, bounded on the West by a public road and on the East and the North by Government property and is registered in Government Records as part of tenement no. 50319.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D. 90_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

11th July, 2003

Nru. 630

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-18 ta' Lulju, 2003
(File No. L399/65)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 216-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' triq pubblika u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* numru 83175.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq pjanta P.D. 91_2003 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Il-11 ta' Lulju, 2003

No. 630

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

18th July, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Naxxar:–

1. A plot of land of the area of about 216 square metres, bounded on the North and the South East by Government property and on the West by a public road and is registered in Government Records as part of tenement no. 83175.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D. 91_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

11th July, 2003

Nru. 631

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-18 ta' Lulju, 2003
(File No. L115/73)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

No. 631

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

18th July, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

L-art li ġejja fin-Naxxar:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 578 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika u mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-tenement nru. 52238.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq pjanta P.D. 4_86_A li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Il-11 ta' Lulju, 2003

The following land at Naxxar:–

1. A plot of land of the area of about 578 square metres, bounded on the North East by a public road and on the West and the South by Government property and is registered in Government Records as part of tenement no. 52238.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D. 4_86_A, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

11th July, 2003

Nru. 632

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-18 ta' Lulju, 2003
(File No. L425/84)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 6 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk u mill-Punent ma' triq pubblika u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* numru 52121.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq pjanta P.D. 92_2003 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

It-11 ta' Lulju, 2003

No. 632

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

18th July, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Naxxar:–

1. A plot of land of the area of about 6 square metres, bounded on the North by Government property and on the South East and the West by a public road and is registered in Government Records as part of tenement no. 52121.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D. 92_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

11th July, 2003

Nru. 633

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-18 ta' Lulju, 2003

(File No. L279/81/8)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 5,918-il metru kwadru, li tmiss mil-Lvant, mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* numru 84055.

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,040 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, min-Nofsinhar u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* numru 84055.

L-artijiet hawn fuq imsemmija jidhru mmarkati bil-kulur blu u isfar rispettivament fuq pjanta P.D. 159_2003 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Il-11 ta' Lulju, 2003

No. 633

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

18th July, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at St. Paul's Bay:–

1. A plot of land of the area of about 5,918 square metres, bounded on the East, the South West and the North East by Government property, and is registered in Government Records as part of tenement no. 84055.

2. A plot of land of the area of about 2,040 square metres, bounded on the North West, the South and the North East by Government property, and is registered in Government Records as part of tenement no. 84055.

The abovementioned lands are shown marked in blue and yellow respectively on plan P.D. 159_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

11 July, 2003

Nru. 634

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-18 ta' Lulju, 2003
(File No. L17/282/2002)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija mehtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fiż-Żurrieq:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 101 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Qrendi, u mill-Punent u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq pjanta P.D. JO_7_2003 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Il-11 ta' Lulju, 2003

No. 634

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

18th July, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Żurrieq:–

1. A plot of land of the area of about 101 square metres, bounded on the North East by Triq il-Qrendi, and on the West and the North West by Government property.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D. JO_7_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

11th July, 2003

Nru. 635

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DIVIŻJONI TAL-KONSUMATUR U TAL-KOMPETIZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Joseph Schembri	Direttur Ġenerali *Director General*	Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni *Consumer and Competition Division*	15- 17.7.2003

It-18 ta' Lulju, 2003

No. 635

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION DIVISION)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs has approved the following acting appointment:–

18th July, 2003

Nru. 636

MINISTERU TAL-FINANZI U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI

Nomina ta' Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar il-Liċenzar

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-Sub-Artikolu (5) ta' Artikolu 8 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Kap. 441), il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi ħatar lis-Sur David Meilak bħala Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar il-Liċenzar sa l-10 ta' Ottubru 2007.

It-18 ta' Lulju, 2003

No. 636

MINISTRY OF FINANCE AND ECONOMIC AFFAIRS

Appointment of Secretary of the Licensing Appeals Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Sub-Section (5) Article 8 of the Trading Licences Act (Cap. 441), the Minister of Finance and Economic Affairs has appointed Mr David Meilak as Secretary to the Licensing Appeals Board up to the 10th October 2007.

18th July, 2003

Nru. 637

MINISTERU TAL-FINANZI U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI

Nomina ta' Sostitut *Chairman* tal-Bord ta' l-Appell dwar il-Liċenzar

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-Sub-Artikolu (3) ta' Artikolu 8 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (Kap. 441), il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi ħatar lill-Avukat Richard Sladden, LL.D., bħala sostitut *Chairman* tal-Bord ta' l-Appell dwar il-Liċenzar għas-smigħ ta' l-Appell għar-rifjut ta' applikazzjoni dwar liċenza tal-kummerċ minn M V Doulos Gute Bucher fur Allen e.V.

It-18 ta' Lulju, 2003

No. 637

MINISTRY OF FINANCE AND ECONOMIC AFFAIRS

Appointment of Substitute Chairman of the Licensing Appeals Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Sub-Article (3) Article 8 of the Trading Licences Act (Cap. 441), the Minister of Finance and Economic Affairs has appointed Dr Richard Sladden, LL.D., as substitute Chairman of the Licensing Appeals Board for the hearing of the appeal for the refusal of an application for a trade permit by M V Doulos Gute Bucher fur Allen e.V.

18th July, 2003

Nru. 638

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn stima ta' l-impatt ambjentali avviż skond sezzjoni 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

IL-PROPOSTI għal żvilupp hawn taħt imsemmija teħtieġ studju ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjonijiet jidhru skond il-lokalità u jinkludu n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjonijiet hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

No. 638

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development proposal is subject to an Environmental Impact Assessment. The development is set out by locality and include the reference number, title of the development and the name of the applicant. Copies of these applications, including a Project Description Statement, can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandhom ikollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tlett ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinstab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www. eia-malta.org.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the EIA website: www.eia-malta.org.

L-Iklin Iklin	PA 3880/99	Bini ta' razzett tal-baqar *To erect a cowshed* Is-Sur Calcidon Vella *Mr Calcidon Vella*
Il-Qrendi Qrendi	GF 3627/03	Restawr ta' barrieri b'rimi ta' skart inert u mhux perikoluż *Restoration of quarries by infilling with inert and non-hazardous waste* Chief Executive, Waste Serv Malta Ltd *Chief Executive, Waste Serv Malta Ltd*

It-18 ta' Lulju, 2003

18th July, 2003

Nru. 639

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 639

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11. 7. 03	Lm4.22c9	7c1
14. 7. 03	Lm4.24c9	7c1
15. 7. 02	Lm4.28c9	7c1
16. 7. 02	Lm4.27c3	7c0
17. 7. 02	Lm4.24c5	6c9

It-18 ta' Lulju, 2002

18th July, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 59

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ, Malta

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Lulju, 2003 mill-5.00 p.m. sas-2.00 a.m. minn Pjazza San Filippu.

Nhar it-Tlieta, it-22 ta' Lulju, 2003 mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Filippu, il-Kbira, Dun Mikiel Xerri, l-Isqof Caruana, Paris, Adeato Gatt, Icilio Calleja, Lorenzo Gafà, iż-Żebbuġ, San Rokku, Vjal il-Ħelsien u Dun Miju Zarb.

Nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Lulju, 2003 mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m. minn Pjazza San Filippu.

Nhar il-Ħamis, l-24 ta' Lulju, 2003 mill-5.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Filippu, il-Parroċċa, Sciortino, Sant'Antnin, is-Siġġiewi, Dun Karm Psaila, tad-Dawl, San Ġużepp, ta' l-Anġli u l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Lulju, 2003 mill-5.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, il-Ħlewwa, il-Kurkanta, il-Penit, il-Mitħna, il-Kandlora, Serafin Tanti, Patri Pelaġju Mifsud, Ħas-Sajd, Anthony Aquilina, John Zammit, il-Prinċep Bażiliku, Misraħ Ħal Dwieli, il-Madonna, l-Anġlu u l-Parroċ ċa.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Lulju, 2003 mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Mina ta' De Rohan, il-Kbira, Pjazza San Filippu, Sciortino, Santa Marija u Misraħ Muxi.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003 mit-8.00 a.m. sal-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Filippu, il-Kbira, il-Knisja, il-Parroċċa, Vilhena, ta' l-Anġli, tal-Grazzja, Francesco Zahra u l-Mitħna.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003 mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Filippu, il-Kbira, Sant'Antnin, Mamo u l-Anġlu.

Nhar it-Tlieta, id-29 ta' Lulju, 2003 mill-5.00 p.m. sas-2.00 a.m. minn Pjazza San Filippu.

Il-Qrendi

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Awissu, 2003 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Rokku Buhagiar, il-Kbira, is-Suq u Pjazza Santa Marija.

POLICE NOTICE

No. 59

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żebbuġ, Malta

On Saturday, 19th July, 2003 from 5.00 p.m. to 2.00 a.m. through Pjazza San Filippu.

On Tuesday, 22nd July, 2003 from 6.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: Pjazza San Filippu, il-Kbira, Dun Mikiel Xerri, l-Isqof Caruana, Paris, Adeato Gatt, Icilio Calleja, Lorenzo Gafà, iż-Żebbuġ, San Rokku, Vjal il-Ħelsien and Dun Miju Zarb.

On Wednesday, 23rd July, 2003 from 6.00 p.m. to 2.00 a.m. through Pjazza San Filippu.

On Thursday, 24th July, 2003 from 5.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: Pjazza San Filippu, il-Parroċċa, Sciortino, Sant'Antnin, is-Siġġiewi, Dun Karm Psaila, tad-Dawl, San Ġużepp, ta' l-Anġli and il-Kbira.

On Friday, 25th July, 2003 from 5.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: il-Kbira, il-Ħlewwa, il-Kurkanta, il-Penit, il-Mitħna, il-Kandlora, Serafin Tanti, Patri Pelaġju Mifsud, Ħas-Sajd, Anthony Aquilina, John Zammit, il-Prinċep Bażiliku, Misraħ Ħal Dwieli, il-Madonna, l-Anġlu and il-Parroċċa.

On Saturday, 26th July, 2003 from 6.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: il-Mina ta' De Rohan, il-Kbira, Pjazza San Filippu, Sciortino, Santa Marija and Misraħ Muxi.

On Sunday, 27th July, 2003 from 8.00 a.m. to 5.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Filippu, il-Kbira, il-Knisja, il-Parroċċa, Vilhena, ta' l-Anġli, tal-Grazzja, Francesco Zahra and il-Mitħna.

On Sunday, 27th July, 2003 from 4.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: Pjazza San Filippu, il-Kbira, Sant'Antnin, Mamo and l-Anġlu.

On Tuesday, 29th July, 2003 from 5.00 p.m. to 2.00 a.m. through Pjazza San Filippu.

Qrendi

On Saturday, 9th August, 2003, from 8.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Rokku Buhagiar, il-Kbira, is-Suq and Pjazza Santa Marija.

Nhar it-Tnejn, il-11 ta' Awissu, 2003 mit-8.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Mattew, Pjazza San Mattew, il-Kbira, Santa Katerina, F. Buhagiar, il-Biżantini, l-Aragoniżi, it-Torri, San Nikola, Pjazza Santa Marija u l-Parroċċa.

Nhar it-Tlieta, il-12 ta' Awissu, 2003 mit-8.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Kartaġiniżi, it-Tempesta, il-Fulija, Soubirious, Bernardette, il-Pirinej, P. Nikola Magro, N. Comunett, G. D'Arena, R. Buhagiar, Pjazza Santa Marija, is-Suq, il-Kbira u l-Parroċċa.

Nhar l-Erbgħa, il-13 ta' Awissu, 2003 mit-8.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: iż-Żurrieq, il-Kbira, Rokku Buhagiar, Kurat Mizzi, il-Parroċċa, Misraħ San Mattew, il-Kbira, is-Suq u Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2003 mill-5.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, is-Suq, Pjazza Santa Marija, il-Parroċċa, Rokku Buhagiar, Antonio Chircop u t-Tempesta.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Awissu, 2003 mill-10.30 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, il-Kbira, Rokku Buhagiar, San Nikola, it-Torri, Santa Katerina, is-Salvatur, Kurat Mizzi, is-Suq u Pjazza Santa Marija.

It-18 ta' Lulju, 2003

On Monday, 11th August, 2003 from 8.30 p.m. to midnight through the following streets: San Mattew, Pjazza San Mattew, il-Kbira, Santa Katerina, F. Buhagiar, il-Biżantini, l-Aragoniżi, it-Torri, San Nikola, Pjazza Santa Marija and il-Parroċċa.

On Tuesday, 12th August, 2003 from 8.30 p.m. to midnight through the following streets: il-Kartaġiniżi, it-Tempesta, il-Fulija, Soubirious, Bernardette, il-Pirinej, P. Nikola Magro, N. Comunett, G. D'Arena, R. Buhagiar, Pjazza Santa Marija, is-Suq, il-Kbira and il-Parroċċa.

On Wednesday, 13th August, 2003 from 8.30 p.m. to midnight through the following streets: iż-Żurrieq, il-Kbira, Rokku Buhagiar, Kurat Mizzi, il-Parroċċa, Misraħ San Mattew, il-Kbira, is-Suq and Pjazza Santa Marija.

On Thursday, 14th August, 2003 from 5.30 p.m. to midnight through the following streets: il-Kbira, is-Suq, Pjazza Santa Marija, il-Parroċċa, Rokku Buhagiar, Antonio Chircop and it-Tempesta.

On Friday, 15th August, 2003 from 10.30 a.m. to midnight through the following streets: il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, il-Kbira, Rokku Buhagiar, San Nikola, it-Torri, Santa Katerina, is-Salvatur, Kurat Mizzi, is-Suq and Pjazza Santa Marija.

18th July, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 60

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Pawl il-Baħar

Nhar it-Tlieta, it-22 ta' Lulju, 2003, bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Parroċċa, Parades, il-Katidral u t-Torri.

Nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Lulju, 2003 bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Lampuki, iċ-Ċagħaq, Ċensu Tanti, ir-Ramel, il-Kaħlija, il-Mosta, il-Villeġġjatura, Toni Bajada, Isouard u San Pawl.

POLICE NOTICE

No. 60

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

St Paul's Bay

On Tuesday, 22nd July, 2003, between 4.00 p.m. and midnight through the following streets: San Pawl, il-Parroċċa, Parades, il-Katidral and it-Torri.

On Wednesday, 23rd July, 2003, between 4.00 p.m. and midnight through the following streets: il-Lampuki, iċ-Ċagħaq, Ċensu Tanti, ir-Ramel, il-Kaħlija, il-Mosta, il-Villeġġjatura, Toni Bajada, Isouard and San Pawl.

Minn nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Lulju, 2003 sal-Erbgħa, it-30 ta' Lulju, 2003, minn Triq il-Parroċċa bejn Triq Parades u Triq San Pawl.

Nhar il-Ħamis, l-24 ta' Lulju, 2003 bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Publiju, San Ġwann il-Battista, il-Katidral, id-Duluri, San Ġorġ u Parades.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Lulju, 2003 bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl minn Triq San Pawl u Triq Parades.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Lulju, 2003, bejn is-6.00 a.m. u nofsillejl minn Triq San Franġisk bejn Triq il-Paċi u Triq it-Torri.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Lulju, 2003, bejn il-5.00 p.m. u nofsillejl minn Triq San Pawl u Triq Parades.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003, bejn id-9.00 a.m. u s-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: iċ-Ċagħaq, l-Erba' Mwieżeb, iż-Żerniq, il-Lampuki, il-Kaħli, il-Mosta, Isouard, il-Knisja, San Pawl u Parades.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003, bejn is-2.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Knisja, Toni Bajada u Parades.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003, bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Knisja, Toni Bajada u Parades.

It-18 ta' Lulju, 2003

From Wednesday, 23rd July, 2003 to Wednesday, 30th July, 2003, through Triq il-Parroċċa between Triq Parades and Triq San Pawl.

On Thursday, 24th July, 2003, between 4.00 p.m. and midnight through the following streets: San Pawl, San Publiju, San Ġwann il-Battista, il-Katidral, id-Duluri, San Ġorġ and Parades.

On Friday, 25th July, 2003, between 4.00 p.m. and midnight through Triq San Pawl and Triq Parades.

On Saturday, 26th July, 2003 between 6.00 a.m. and midnight through Triq San Franġisk between Triq il-Paċi and Triq it-Torri.

On Saturday, 26th July, 2003 between 5.00 p.m. and midnight through Triq San Pawl and Triq Parades

On Sunday, 27th July, 2003 between 9.00 a.m. and 2.00 p.m. through the following streets: iċ-Ċagħaq, l-Erba' Mwieżeb, iż-Żerniq, il-Lampuki, il-Kaħli, il-Mosta, Isouard, il-Knisja, San Pawl and Parades.

On Sunday, 27th July, 2003 between 2.00 p.m. and midnight through the following streets: San Pawl, il-Knisja, Toni Bajada and Parades.

On Sunday, 27th July, 2003 between 4.00 p.m. and midnight through the following streets: San Pawl, il-Knisja, Toni Bajada and Parades.

18th July, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 37 ta' l-2003

Kampanja ta' Tindif ta' Qiegħ il-Baħar

Il-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura se jmexxi kampanja biex inaddaf qiegħ il-baħar fil-Bajja ta' Wied il-Għajn ħdejn il-*water polo pitch*.

It-tindif se jitmexxa f'area magħluqa b'linja li tgħaqqad il-ponot A, B, Ċ, D u x-xatt bejniethom.

	Latitude (T)	*Longitude* (L)
A	35°51'.97	14°34'.01
B	35°51'.92	14°34'.03
Ċ	35°51'.96	14°34'.16
D	35°52'.01	14°34'.14

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 37 of 2003

Clean Up Campaign of the Seabed

The Ministry of Resources and Infrastructure will be conducting a clean up campaign of the seabed at Marsascala Bay area near water polo pitch.

The clean up will be conducted inside an area delineated by line joining points A, B, C, D and the intermediate coastline.

	Latitude (N)	Longitude (E)
A	35°51'.97	14°34'.01
B	35°51'.92	14°34'.03
C	35°51'.96	14°34'.16
D	35°52'.01	14°34'.14

Din l-attività se ssir nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Lulju, 2003, bejn il-5.30 p.m. u s-7.30 p.m. u se titwettaq minn għaddasa.

Minħabba dan ta' hawn fuq, sidien ta' inġenji li jkunu joperaw minn/għal din il-bajja għandhom ibaħħru b'kawtela kbira u joqogħdu attenti ħafna għall-għaddasa fid-data u l-ħinijiet indikati.

Chart effettwata: BA 2538.

It-18 ta' Lulju, 2003

This activity will be held on Friday, 25th July 2003 between 5.30 p.m. and 7.30 p.m. and will be carried out by divers.

In view of the above, Masters of craft operating from/to this bay are to navigate with extreme caution and keep a sharp lookout for divers on the date and time mentioned above.

Chart affected: BA 2538.

18th July, 2003

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Ħatra ta' *Chairperson*

Ngħarrfu b'dan illi skond l-artikolu 4 (4) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001, l-Aġent Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor Dott. Lawrence Gonzi, LL.D., ħatar lis-Sur Mario Falzon, MBA, Dip. L.S., MIM, bħala *Chairperson* tal-Bord tal-Koperattivi b'seħħ mis-16 ta' Lulju 2003 fl-assenza ta' Prof. Godfrey Baldacchino, B.A., P.G.C.E., M.A. (The Hague), Ph.D.

Prof. Godfrey Baldacchino
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

Is-17 ta' Ġunju, 2003
CB 14/77

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Appointment of Chairperson

It is hereby notified that the Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy, the Hon Dr Lawrence Gonzi, LL.D., appointed Mr Mario Falzon, MBA, Dip. L.S., MIM, as Chairperson of the Board of Co-operatives with effect from 16th July 2003, in accordance with the article 4 (4) of Act No. XXX of 2001, in the absence of Prof. Godfrey Baldacchino, B.A., P.G.C.E., M.A. (The Hague), Ph.D.

Prof. Godfrey Baldacchino
Chairperson
Central Office of Co-operatives

17th June, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - Direttur ta' Istitut ta' l-'Agribusiness'

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jingaġġa Direttur biex imexxi l-Istitut ta' l-*Agribusiness*.

Id-Direttur ta' l-Istitut ikun jeħtieġlu li:-

Jistabbilixxi l-istudji, it-tagħlim li jrid jingħata, it-taħriġ u r-riċerka fl-Istitut;

Jaħseb għall-amministrazzjoni u l-operat ta' kuljum ta' l-Istitut;

Ifassal pjani ta' ħidma u żvilupp sabiex imexxu 'l quddiem l-Istitut;

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Director Institute of Agribusiness

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit a Director to head the Agribusiness Institute.

The Director of the Institute will be expected to:-

Establish the studies, the instruction to be imparted, the training and the research at the Institute;

Provide for the administration and the day-to-day function of the Institute;

Prepare business and development plans in order to take the Institute forward;

Imexxi x-xogħol ta' edukazzjoni u ta' taħriġ ta' l-Istitut.

Id-Direttur ta' l-Istitut ikun direttament risponsabbli lejn il-Prinċipal u jkun:

Jieħu sehem b'mod attiv bħala membru tal-Kunsill ta' l-Istituti;
Jippresiedi fuq il-Bord ta' l-Istudji ta' l-Istitut;
Jaħdem flimkien ma' konsulent maħtur mill-UE matul il-perijodu tal-bidu.

L-applikanti għandu jkollhom ta' l-anqas ħames snin esperjenza fil-*management* u preferibbilment xi esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* fl-*agribusiness*. Il-kandidat magħżul għandu jkun kapaċi bil-provi biex jimmotiva u jmexxi membri ta' tim biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi. Min jinħatar ikollu juri inizjattivi u jkollu kapaċitajiet murija f'intrapriża biex imexxi l-Istitut bħala *unit* effiċjenti u effettiv fuq l-ispejjeż. Dak li jintgħażel ikun ingaġġat fuq kuntratt definit ta' ħames snin, li jiġġedded wara soġġett għal ħidma sodisfaċenti. Il-post huwa soġġett għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u jinvolvi perijod ta' prova ta' sena.

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. L-applikanti għandhom jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST, li wieħed jista' jsibha fuq il-*website* jew mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-28 ta' Lulju, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-18 ta' Lulju, 2003

Conduct the education and training work of the Institute.

The Director of Institute will be directly responsible to the Principal and will:

Actively participate as a member of the Council of Institutes;
Preside over the Board of Studies of the Institute;
Work alongside an appointed EU adviser during the initial period.

Applicants are to have at least five years management experience and preferably some teaching/lecturing experience in agribusiness. The successful candidate will have proven ability to motivate and lead team members to achieve objectives set by the Board of Governors. He/she will show initiatives and possess entrepreneurial skills to run the Institute as an efficient and cost effective unit. The successful applicant will be engaged on a five-year definite contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance. The post is subject to a forty-hour week and entails a probationary period of one year.

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Administrative Director, Paola PLA 08, by not later than noon of the 28th July, 2003. Late applications will not be considered. If further information is required please refer to the address below.

18th July, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta':

Assistenti Bibljotekarji

Taħt ir-responsabbiltà tal-*Library and Learning Resource Centre Manager*, l-Assistenti Bibljotekarji jkunu kwalifikati professjonalment fil-*librarianship* u jkunu kapaċi jħaddmu sew il-kompjuter. Min jinħatar ikun meħtieġ li jwettaq analiżi tal-ħtiġiet ta' l-informazzjoni, jagħżel u jikseb il-materjal xieraq, jipproċessa l-informazzjoni, jgħin u jissorvelja utenti u *staff* tal-librerija u jgħin fit-twaqqif ta' *standards* ta' kwalità tal-librerija.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for the posts of:

Assistant Librarians

Reporting to the Library and Learning Resource Centre Manager, the Assistant Librarians will be professionally qualified in librarianship and possess excellent computer literacy skills. The appointees will be required to carry out information needs analysis, select and acquire appropriate material, process information, directly support and supervise library users and staff and assist in the establishment of library quality standards.

'Technicians'

Il-Kulleġġ jeħtieġ *technicians* f'wieħed mill-oqsma li ġejjin: inġinerija mekkanika; inġinerija fuq il-vetturi bil-mutur; CNC-CAD; *fabrication* u *welding*, bini u kostruzzjoni; inġinerija elettrika u elettronika; xjenza. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa li jwettqu spezzjonijiet regolari u jiżguraw li t-tagħmir kollu konformi ma' l-i*standards* u regolamenti ta' sigurtà. L-applikanti għandu jkollhom il-kwalifiki u esperjenza relevanti, u jkunu jifhmu sew fil-makkinarju u t-tagħmir.

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. L-applikanti għandhom jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST, li wieħed jista' jsibha fuq il-*website* jew mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-28 ta' Lulju, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn:

Id-Direttur Amministrattiv,
Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija
It-Telgħa ta' Kordin,
Raħal Ġdid PLA 08

It-18 ta' Lulju, 2003

Technicians

The College requires technicians to work in one of the following areas: mechanical engineering; motor vehicles engineering; CNC-CAD; fabrication and welding, building and construction; electrical and electronics engineering; science. The selected candidates will be expected to carry out regular inspections and ensure that all equipment is at all times compliant with safety standards and regulations. Applicants should have relevant qualifications, experience and a good understanding of machinery and equipment.

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, by not later than Monday, 28th July 2003. Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from:–

Administrative Director,
Malta College of Arts, Science and Technology,
Corradino Hill,
Paola PLA 08

18th July, 2003

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-18 ta' Lulju, 2003

MINISTRY OF EDUCATION

Result of Interview for the Post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Ministry of Education

The Permanent Secretary, Ministry of Education notifies that the result of the interview for the above-mentioned post has been published and can be seen on the main notice-board at the Ministry of Education, Floriana and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

18th July, 2003

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Reġistratur fid-Dipartiment tal-Mediċina
Economics Officer
Senior House Officer fid-Dipartiment tar-Radjoloġija

It-18 ta' Lulju, 2003

DEPARTMENT OF HEALTH

Results of Interviews for Posts in the Health Division

